**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

# IMĦALLEF
# ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 20 t'Ottubru 2017**

**Kawża Nru: 15**

**Rikors Ġuramentat Nru: 2 / 08 JA**

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur fl-4 ta' Jannar 2008 li permezz ġie premess:

Illi l-kontendenti żżewġu f'Malta nhar il-31 ta' Settembru 1989;

Illi mill-imsemmi żwieġ il-kontendeti kellhom tlett (3) itfal, D, E u F, aħwa B ta' sbatax (12), erbatax (14) u disa' (9) snin rispettivament;

Illi l-intimata rrendiet il-ħajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli *stante* illi l-istess intimata hija ħatja ta' adulterju, eċċessi, sevizzi, moħqrija, swat, theddid u nġurji gravi da parti tagħha fil-konfront tal-istess rikorrenti u t-tfal minuri u għalhekk iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment b'tort unikament tal-istess intimata;

Illi fil-mori tal-medjazzjoni, ir-rikorrenti flimkien mat-tfal minuri bniet, volontarjament ħarġu mid-dar matrimonjali u marru jgħixu għand il-ġenituri tar-rikorrenti;

Illi permezz ta' digriet numru 1621/07 (Dok. 'A') l-Onorabbli Qorti tal-Familja ordnat illi l-bniet għandhom jgħixu flimkien mal-missier rikorrenti u l-minuri F jgħix flimkien ma' l-intimata ommu, b'dan pero' li l-istess Onorabbli Qorti pprovdiet għal aċċess li r-rikorrenti għandu jkollu għal minuri F kif ukoll għall-manteniment tal-istess minuri;

Illi r-rikorrenti ġie awtorizzat sabiex jibda l-proċeduri odjerni permezz ta' digriet numru 2115/07 (Dok. 'E') datat 4 ta' Diċembru 2007.

Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi B u dana minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimata kif fuq spjegat u tawtorizza lir-rikorrenti jgħix separatament minn ma' l-intimata;

2. Tafda fiċ-ċirkostanzi, il-kura u kustodja tat-tlett (3) itfal minuri lir-rikorrenti u fin-nuqqas tiffissa aċċess adegwat li r-rikorrenti għandu jkollu għall-minuri F B, filwaqt li tiddikjara li l-intimata ddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob u jew tipperċepixxi manteniment għaliha mingħand ir-rikorrenti;

3. Tapplika kontrra l-intimata l-effetti *in toto* jew *in parte* tal-artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kap. 16 tal-Liġijet ta' Malta nkluża l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret ir-rikorrenti;

4. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali u tassenja porzjon lir-rikorrenti u porzjon lill-intimata *ope sententium,* filwaqt li tinnomina Nutar sabiex jirċievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

5. Tordna lill-intimata sabiex tirristitwixxi lir-rikorrenti l-beni parafernali kollha tiegħu flimkien ma' l-affarijiet personali kollha tat-tfal minuri nkluż il-flus li ħadet mill-karus tagħhom, u dan fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilha prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li l-intimata tagħmel dan, tikkundannaha li tħallas lir-rikorrenti dik is-somma li għandha tiġi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rappreżentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hija min issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata b'kontro-talba tal-konvenuta ppreżentata fil-21 ta' Frar 2008 li permezz tagħha eċċepiet u ppremettiet is-segwenti:

Illi fil-fatt il-konjuġi żżewġu nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Settembru 1989 u mhux fil-31 ta' Settembru 1989.

Illi fil-fatt hija E li għandha 17, u mhux D, li għandha 14; F għandu 9 snin.

Illi huwa l-attur li rrenda l-ħajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti impossibbli *stante* illi l-istess attur, huwa ħati ta' eċċessi, sevizzi, moħqrija, swat, theddid u nġurji gravi da parti tiegħu fil-konfront tal-intimata u wliedhom minuri u kien għalhekk li l-partijiet kellhom jisseparaw, b'tort unikament tal-istess attur.

Illi fil-fatt l-intimata qatt ma kienet ħatja ta' adulterju, u di fatti r-raġel ċertament ma jistax jipprova li kien hemm adulterju min-naħa tagħha. Di fatti, l-intimata lanqas biss tagħtu, lil żewġha, raġuni għalfejn jgħir għaliha, kemm ilhom miżżewġin.

Illi rigward eċċessi, sevizzi, swat, inġurji, moħqrija, theddid u nġurji gravi, kien l-attur stess li kien ħati ta' dawn fil-konfront tal-intimata, li jew kienet issofri dan l-abbuż b'mod passiv, jew inkella tipprova tiddefendi ruħha. Xhieda ta' dan hemm bosta ċertifikati mediċi li ġew ippreżentati flimkien mar-rikors tagħha tal-4 ta' Diċembru 2007 [ara wkoll Dok. S1-S3 mehmużin); diversi rapporti li l-intimati għamlet lill-pulizija dwar żewġha u affidavits tal-Pulizija [immarkati Dok. PO1-PO11, mehmużin]; ir-rapport tas-*social worker* [Dok. SW1, mehmuż]; u r-rapport tal-Psikologu [Dok. PS1, mehmuż]. Hemm ukoll il-fatt li l-attur ilhu jattendi għal dawn l-aħħar għaxar snin il-Psychiatric Outpatients (P.O.P.) l-isptar, u x-xhieda tal-psikjatra kuranti. Meta l-attur kien abitwalment isawwat lil martu l-intimata, jinġurjaha gravement, ikellimha bi kliem oxxen, jidgħilha, dan kien jagħmlu quddiem uliedhom, u mingħajr provokazzjoni, għal raġunijiet bħal, per eżempju, għax l-ikel ma jkunx lest kif appena jqum hu mis-sodda.

Illi l-attur għandu problemi psikoloġiċi. Ibati minn *obsessive compulsive disorder,* bħalma għandhom ukoll missieru u zitu (li hija pazjenta Mount Carmel Hospital), u l-intimata ma kinitx taf b'dan qabel iż-żwieġ tagħhom. Din il-marda kienet ta' piż konsiderevoli fuq il-ħajja normali ta' bejn il-miżżewġin, minkejja l-paċenzja li ħadet intimata b'żewġha. L-attur jinħasel biss darba fil-ġimgħa, u qatt ma joħroġ mid-dar jekk il-ħruġ ma jkunx assolutament neċessarju (għax joqgħod jiffissa li n-nies iħarsu lejn wiċċu peress li għandu *normal acne,* u jiksi wiċċu bil-*foundation* qabel ma joħroġ mid-dar); di fatti l-attur ma joħroġx mid-dar ħlief għax-xogħol, u b'hekk qatt ma joħroġhom lil uliedu, la l-baħar fis-sajf, la fil-*weekends,* u mkien, u dan m'hux atteġġjament san jew normali fir-rigward tal-minuri, li ma tistax tippretendi li joqogħdu d-dar ma' missierhom il-ħin kollu. L-ulied draw minn missierhom ma jridux jinħaslu jew ibiddlu ħwejjiġhom, għax mingħalihom li dan aġir normali, għax jaraw lil missierhom jagħmel hekk. Is-*Social Worker,* li ilha ssegwi l-każ tal-familja B mill-2006, tista' tikkonferma dan (eż. darba fis-sajf, il-minuri E kienet marret il-POP ma' missierha liebsa l-ħwejjeġ tax-xitwa u bit-*tights* suwed ħoxnin imqattgħin). *Inoltre,* l-attur ma jkunx irid iħalli lil ibnu l-minuri F jattendi il-laqgħat, attivitajiet u funzjonijiet tal-mużew, tal-iscouts u tal-iskola, avolja it-tifel ikun ħerqan ħafna li jieħu sehem fihom [ara kopji ta' ċertifikati li rebaħ il-minuri F, immarkati Dok. C1 u C2 mehmużin], u minkejja li dawn għandhom siewi kbir edukattiv għall-minuri. L-unika raġuni għal dan huwa li l-attur ma jieħux gost joħroġ mid-dar, u allura ma jkunx irid joqgħod iwassal lil ibnu għal dawn il-laqgħat, attivitajiet u funzjonijiet, meta l-minuri F ikun għandu.

Illi l-attur kien jistupra lil martu (ara r-rapport tal-psikologu u dak tas-*social worker*) abitwalment; kien itiha xebgħa, iqattgħalha ħwejjiġha minn fuqha, u jkollu x'jaqsam magħha sesswalment

bilfors, avolja hi kienet tgħidlu li ma tridx, u kienet tipprova tirreżistih. Dan ir-raġel kien ammettih ukoll quddiem is-*social worker* Jennifer Portelli. Ir-raġuni li kien iġib ir-raġel kienet li hija martu u għandu l-jedd ikollu x' jaqsam magħha sesswalment meta jrid u kif irid, avolja hi ma kinitx tkun trid għax ikun sawwatha ftit siegħat qabel. Illi l-attur kien ukoll iqatta' siegħat twal fis-sodda ma' wliedu l-bniet. Il-mizzewġin kienu jmorru għand il-Psikologu Paul Sciberras, minħabba l-problemi familjari, u darba minnhom ir-raġel kien beda jgħajjat u jsabbat quddiem il-psikologu, u rrifjuta li jattendi hu jew li jħalli lil uliedu jattendu; il-mara pero' xorta baqgħet tattendi għand il-psikologu, sabiex titgħallem tikkowpja mal-problemi li kien qliegħed joħolqilha żewġha l-attur.

Illi l-attur qatt ma wera nteress la fil-benesseri ta' wliedu u lanqas fil-progress tagħhom, la fil-progress tagħhom skolastiku, u anki fl-imġieba tagħhom. Tant l-attur ma kienx jimpurtah mill-progress skolastiku ta' wliedu li qatt ma kien irid jattendi l-*parents' day,* u għal dan, l-ulied kienu jiddependu unikament minn ommhom. L-attur mhuwiex kapaċi jieħu ħsieb uliedu, u għal din ir-raġuni l-intimata riedet li anki l-kura u l-kustodja ta' wliedha minuri l-bniet tiġi fdata lilha, avolja riedu jmorru joqogħdu ma' missierhom biss għax dan iħallihom jagħmlu li jridu. Il-kummenti tal-għalliema kollha tal-iskola, dwar D, huma lkoll fis-sens li hija kapaċi tmur ħafna aħjar fl-iskola; di fatti, D, filli kienet tieħu 3 *prizes* fis-sena, qabel ma marret tgħix ma' missierha għand in-nanniet, u mbagħad, wara li marret toqgħod ma' missierha, il-marki tal-eżamijiet skolastiċi tagħha kienu saru batuti ferm [ara rapporti tal-iskola mmarkati R1-R3, annessi]. In vista ta' dan, l-intimata hija ddispjaċuta ferm għall-fatt li, wara li bintha E waslet s'hawn fl-iskola, u saħansitra daħlet De La Salle wara l-eżamijiet tal-*'O' Levels* tagħha, li ma kinitx ħaġa faċli, hija wkoll bdiet iġġib marki batuti ħafna.

Illi fil-fatt mhux eżatt illi l-attur u wliedu l-bniet ma ħarġux mid-dar matrimonjali minn rajhom; l-ewwel il-Qorti qalet li t-tlett itfal għandhom imorru f'istitut, u li l-intimat għandu jikri appartament lil martu biex hija ma tibqax fix-*shelter* għal nisa msawtin. L-attur kif sema' dan, biex ma jikrilhiex appartament, qal li huwa kien lest li jmur jgħix m'ommu u jieħu t-tlett itfal miegħu (mingħajr ma staqsa lil ommu li għandha 69 sena, u lil missieru li għandu 75 sena, qabel – difatti darba minnhom omm A B kienet qalet lill-intimata biex tiġi u tieħu lil binha F id-dar għax kellha wisq x'tagħmel u ma setgħetx tieħu ħsiebu waqt li binha l-attur ikun ix-xogħol).

Illi l-ulied minuri bniet kienu għażlu li jibqgħu jgħixu ma' missierhom għax dan iħallihom jagħmlu li jridu, imorru fejn iridu, u joħorġu u jidħlu lura d-dar x'ħin iridu, mingħajr rażan (ara r-rapport tal-psikologu), peress illi l-attur m'huwiex kapaċi jrabbi, jieħu ħsieb, jeduka, irażżan u jiddixxiplina lil uliedu. *Inoltre*, l-attur jiskoraġġixxi lil uliedu l-bniet milli jmorru jżuru lil ommhom, u dan kontra d-direzzjoni tal-Qorti li kienet ħeġġithom iżuru lil ommhom kemm jista' jkun ta' spiss u minn tal-inqas għal sagħtejn fil-ġimgħa (ara digriet tal-Qorti tat-31 ta' Awwissu 2007, Dok. D. mehmuż; fil-fatt uliedha l-bniet, avolja ċemplulha diversi drabi, qatt ma ġew iżuruha mid-data tad-digriet tal-Qorti. L-attur, pero', kien iħassrilhom milli jmorru jżuru lil ommhom, u dan semegħtu jagħmlu l-intimata diversi drabi meta kienet tkun titkellem ma' wliedha l-bniet fuq it-telefon, meta dawn kienu jċemplulha u jgħidulha li ġejjin għandha għal xi raġuni jew oħra.

Illi l-attur imdorri jigdeb ħafna fuq martu, jagħmlilha rapporti foloz, u jakkużaha bla bżonn – eż. kien irrapurtaha lill-Pulizija talli ma tagħtux aċċess għall-minuri F nhar ta' Tlieta, meta nhar ta' Tlieta lanqas għandu d-dritt ta' aċċess għal F. Ir-raġel kien isawwat lil martu, u ta' dan hemm ix-xhieda taċ-ċertifikati mediċi; difatti,

meta s-swat sar gravi u kien iseħħ ta' kuljum, il-mara kellha tmur tgħix ġo *shelter* l-Għabex għal nisa msawtin. Darba kien sawwat lil martu l-intimata meta kienet tqila, u korriha [ara ċ-ċertifikat mediku mmarkat Dok. K, mehmuż], u dan ġara matul it-tqala tagħha ta' wara t-twelid ta' bintha D u qabel dak ta' binha F. L-ewwel darba li l-attur kien refa' jdejh fuq martu l-intimata, hija kellha sitt xhur tqala b'E, li llum għandha erbatax-il sena; dan ifisser li ilu jsawwat lil martu għal sbatax-il sena sħaħ. L-unika raġuni għaliex l-intimata kienet baqgħet ma' żewġha hija l-imħabba li għandha lejn uliedha. Lil martu l-intimata, l-attur kien isawwatha mhux biss b'idejh, iżda wkoll b'oġġetti, li jiġu għal idejh, li kien isawwatha bihom fejn laqat laqat. Kien ukoll jimbuttaha, u darba kien kisser il-ħġieġ tal-bieb tal-bitħa b'martu, sempliċement għax l-ikel ma kienx ikun lest fil-pront. Kien isawwat lil martu quddiem missierha, jheddu li se joqtolhielu lil bintu, u kien isawwatha wkoll quddiem ommu u missieru, ġo dar il-kontendenti stess, u huma (i.e. il-ġenituri tiegħu), mingħajr ma jwaqqfuh, kienu jqumu u jitilqu 'l barra. L-attur kien isawwat lil martu wkoll barra, quddiem in-nies, meta kienu jkunu fil-karozza ta' missierha.

Illi l-attur kien ukoll isawwat lil martu quddiem uliedhom il-minuri. Dan l-aġir tal-missier kien sar aġir normali għat-tfal, u difatti, l-attur tant kien jagħti eżempju ħażin lill-ulied il-minuri, u jumilja u jiddegrada lil martu, li anki t-tfal kienu bdew jerfgħu idejhom fuq ommhom, u jgarawlha l-oġġetti (eż. siġġijiet, etc.). Missierhom qatt ma kien iwaqqafhom jew jikkoreġihom, u meta l-mara kienet tgħid lil żewġha biex iwaqqafhom, dan kien jgħidilha *"Le, ma nwaqqafhomx, biex iħobbu lili."* Sa din l-estremita' kien l-attur iħallihom jagħmlu li jridu 'l uliedu l-minuri. Minbarra dan, meta l-intimata kienet b'dispramenti tipprova ċċempel in-numru tat-telefon '179', uliedha l-bniet kienu jidħqu biha bla qalb, u tgħidulha li dak is-*support line* tat-tfal biss. Minħabba fl-eżempju ta' missierhom, il-bniet kienu wkoll isawwtu lil ħuhom iż-żgħir, u darba ma setgħax

iċaqlaq driegħu għax kienet sawwtitu oħtu; min-naħa tiegħu, il-missier kien imur jagħmel rapport foloz kontra martu u jgħid li kienet sawwtitu hi lil binhom, avolja kien ikun jaf li mhux hekk, għax il-kontendenti kienu jkunu barra mid-dar flimkien, u t-tifel; kien ikun id-dar ma' ħutu l-bniet, meta l-minuri F kien jiġi msawwat minn ħutu. Meta l-intimata kienet ix-*shelter*, u binha l-minuri F kien imur għand missieru mis-6:30p.m. sad-9:30a.m., kien jiġi lura bi tbenġil u grif f'wiċċu; difatti hemm żewġ ċertifikati mediċi li juru dan, wieħed tal-1 Settembru 2007 rigward tbenġil fuq idu, u ieħor tas-7 Settembru 2007 rigward il-grif f'wiċċu; F kien qal lil ommu li dan it-tbenġil u grif kienu għamluhulu ħutu l-bniet D u E, li ma kienux iridu jħalluh jara l-film dvd li jrid hu [ara ċertifikat mediku mmarkat Dok, G mehmuż].

Illi l-attur kien jinża' għarwien u jidħol fil-kamra tal-banju biex jinħasel jew jinqeda fit-*toilet* quddiem it-tfal, għax kien iħalli l-bieb miftuħ, jew inkella kien jidħol meta jkunu diġa' fil-kamra tal-banju t-tfal stess, inklużi l-bniet, anki meta l-istess bniet kienu jkunu hemm ġew mhux libsin. Dan kien jagħmlu minkejja l-ilmenti ta' martu l-intimata. Il-mara u r-raġel kienu ikollhom xi jgħidu ħafna fuq dan, għax hi ma riditx li dan l-aġir indeċenti jkompli, u hu kien irid ikompli jagħmel li jrid, avolja dak li kien qed jagħmel xejn ma kien xieraq, per eżempju, fis-sajf, meta t-tfal kienu jkunu bla skola, l-attur bilfors kien ikun irid il-bieb tal-kamra tal-banju dejjem miftuħ, anki meta jkun hemm hu jew xi ħaddieħor hemm ġew biex jinqeda, fatt li xejn m'huwa diċenti jew normali. L-attur kien ukoll ikeċċi lil martu mis-sodda matrimonjali, biex minflokha jħalli lil uliedu l-bniet jorqdu miegħu fis-sodda; u meta l-intimata kienet tgħid lill-bniet imorru fis-sodda tagħhom, u kienu jobdu, ir-raġel kien imur hu jorqod mal-bniet f'soddhom. Il-bniet kienu jkunu b'ta' taħt ma' missierhom fis-sodda, fis-sajf, u r-raġel dejjem kien ikun b'ta' taħt, kemm fis-sodda u anki imkejjen oħra fid-dar. Fuq dan kien ikollu xi jgħid mal-mara, li riedet tipproteġi lil uliedha,

speċjalment lil bniet, minn xi abbuż jew korrompiment. Anki issa, li r-raġel qed jgħix mal-bniet għand il-ġenituri tiegħu, il-bniet xorta għażlu li jraqqadhom miegħu fis-sodda; dan l-intimata tafu għax meta staqsiet lil binha F fejn kien jorqod matul il-*weekend,* dan kien jrrispondiha li kien raqad waħdu fis-sodda ta' oħtu E. Dan ifisser li meta E tiġi lura d-dar minn Paceville, hija jkollha torqod ma' missierha fis-sodda tiegħu. Illi l-attur kien jiġi mix-xogħol u jinża b'ta' taħt fil-kċina, u joqgħod id-dar b'ta' taħt, quddiem uliedu, avolja l-mara kienet tgħidlu biex joqgħod liebes diċenti quddiem, it-tfal u speċjalment quddiem il-bniet, li għandhom 17 u 14-il sena. Hu ma kienx jisma' minn martu, u fuq dan kien ikollhom xi jgħidu. Meta ngħidu li r-raġel kien joqgħod b'ta' taħt, qegħdin ngħidu li l-qliezet ta' taħt tiegħu ma kienx ikunu *boxer shorts,* imma *briefs* imqaċċtin. Għal dawn ir-raġunijiet, m'huwiex fl-aħjar interess tagħhom li l-ulied minuri bniet ikomplu jgħixu u jorqdu ma' missierhom.

Illi l-attur kien isawwat lil uliedu wkoll, u kien isawwathom biċ-ċintorin, u anki fuq darhom. Dan kien jagħmlu mhux biex jikkoreġihom, iżda għax kien jirrabja u jiżbel għal xi raġuni jew oħra, anki per eżempju biex jisma' l-aħbarijiet fil-kwiet perfett, meta ma jkunx irid jisma' ħoss it-tfal, jew inkella meta l-attur kien jara lit-tfal jobdu u jgħinu lil ommhom (għax l-attur ma riedx li dawn jidraw iħobbu lil ommhom), jew inkella meta aċċidentalment it-tfal kienu jkissru xi oġġett ta' missierhom.

Illi rigward il-flejjes tal-kontijiet bankarji tal-kontendenti, fit-23 ta' Ġunju 2007, ir-rikorrent ġibed Lm 2,500 mill-kont bankarju tal-H.S.B.C. numru ________________ *(omissis).* Difatti, ir-rikorrenti kien ħa l-2,500 u poġġihom f'kont f'ismu fil-B.O.V.

Illi preżentement, l-attur qiegħed iħallas lill-intimata martu biss Lm45 fix-xahar għall-manteniment tal-minuri F, liema somma

m'hijiex biżżejjed għall-bżonnijiet tiegħu ta' kuljum inklużi spejjeż ta' tobba; meta l-minuri F ma jkunx jiflaħ, dejjem kienet l-intimata li ħaditu l-isptar, jew inkella ġabitlu jew ħaditu għand it-tabib u kienet dejjem hi li xtratlu l-mediċini li kellu bżonn, avolja l-minuri F iqatta' ħafna ħin għand missieru u n-nanniet, anki meta missieru ma jkunx xogħol. Dan kien isir mhux għax F qatt ma nzerta marid meta kien ma' missieru, iżda għax l-attur ftit kien jimpurtah, u dejjem jistenna sakemm ibnu jirritorna għand l-intimata, sabiex tieħu ħsiebu hi. *Inoltre* dan, ir-rikorrent mhux qed imantni lil martu, avolja m'hix taħdem; wieħed irid isemmi li jekk l-intimata toħroġ taħdem, peress illi jkollha bżonn tieħu ħsieb lil binha F, hija tkun tista' taħdem biss *part-time,*u meta wieħed iqis l-introjtu li tista' taqla' minn xogħol *part-time*, u jqabblu mal-benefiċċji soċjali li qed tirċievi, wieħed mill-ewwel jinduna li hija tkun se tibqa' fl-istess ilma, finanzjarjament, bid-differenza li jekk toħroġ taħdem, ikollha ferm inqas ħin tieħu ħsieb lil binha, tippreparalu l-bżonnijiet tiegħu, u kif ukoll tnaddaf, taħsel, issajjar, u tieħu ħsieb il-qadi tagħhom, u dan ikun ta' tbatija għaliha u ta' żvantaġġ għal binha F u għaliha wkoll. Jekk l-intimata toħroġ taħdem b'dawk il-5 siegħat li binha jdum l-iskola, titlef il-benefiċċju tar-*relief*, u tibqa' fl-istess ilma, għax b'xogħol *part-time* ta' ħames siegħat kuljum żgur ma taqlax iżjed mir-*relief*, u minbarra f'hekk, bħalma ngħad, jekk toħroġ taħdem ikollha wkoll ix-xogħol tad-dar x'tagħmel meta tiġi lura mix-xogħol, u allura, jekk hija toħroġ taħdem tkun qed iżżid, ix-xogħol u taqla' l-istess. Minbarra f'hekk it-tifel mhux dejjem jispiċċa l-iskola fl-istess ħin, u ġieli jispiċċa iżjed kmieni, u allura l-mara ma tistax taħdem ħinijiet fissi, lanqas.

Min-naħa tiegħu, l-attur qiegħed jaqla'bejn wieħed u ieħor €210 (Lm94) fil-ġimgħa (fuq l-Lm400 fix-xahar), u dan apparti l-ħmistax il-siegħa *overtime* li jagħmel ta' kuljum matul il-ġimgħa, u kif ukoll apparti l-*overtime* li jagħmel matul il-*weekends*, u li jtellgħulu l-paga għal ammont sostanzjali ferm. Minbarra dan, l-attur mhux qed

iħallas xejn għall-kera, għax mar joqgħod għand missieru u ommu u qed jgħix hemm flimkien mal-bniet b'xejn. Hawnhekk l-attur isib kollox lest, u ma jmiddx idu għal ebda xogħol tad-dar, iżda jqatta' ħafna siegħat rieqed. Rigward qadi, l-attur jista' jiddependi wkoll mill-ġenituri tiegħu u kif ukoll minn uliedu l-bniet. Pero' min-naħa tagħha, l-intimata m'għandha ebda għajnuna, u jkollha tlaħħaq mal-faċendi u l-qadi kollu hi. Meta telaq mid-dar matrimonjali, waqt li martu kienet qed tiġi kostretta tgħix fix-*shelter* minħabba s-swat li kien itiha, l-attur kien ġarr, bil-għajnuna ta' missieru, kemm felaħ mill-beni ta' martu u tagħhom it-tnejn li kien hemm fid-dar, u għal dan il-għan, hu u missieru kienu għamlu diversi vjaġġi bil-vettura ta' missieru. Difatti l-attur kien ħa kważi kollox mid-dar matrimonjali, inklużi r-rigali li qalgħu, fit-tieġ tagħhom; kulma fadal huwa l-i*stereo* u l-għamara strettament neċessarja. Rigward għamara, l-intimat ħa, fost oħrajn, żewġ imwejjed tal-kewba, u żewġ mirja tal-ħajt u ż-żewġ xkafef ta' magħhom, u kif ukoll il-figurini li kienu fuq dawn l-ixkafef. Mill-kamra tat-tifel ha kollox ukoll, inklużi *quilts* u mħadda mis-sodda, *ceiling-shade,* purtieri, etc., u ħalla biss l-għamara nuda. Mill-kamra tagħhom il-miżżewġin l-attur ħa wkoll il-l*amp-shades* li kienu rigal lill-intimata mingħand in-nanna tagħha. Anki issa, meta l-intimata tibgħat lil binha ma' missieru b'xi tibdiliet ta' ħwejjeġ għal matul il-*weekend,* l-attur jirritorna lil binhom lura għand l-intimata biss bl-uniformi tal-iskola, u jżomm it-tibdiliet ta' binhom għandu, bil-konsegwenza li l-intimata qed ikollha tixtri għal binhom bosta ħwejjeġ ġodda, ħaġa li ma tistax tippermetti, in vista tal-mezzi limitatissimi tagħha. Il-beni parafernali tiegħu, l-attur ilu li ħadhom mid-dar matrimonjali, kif spjegat hawn fuq, u ħa wkoll dawk ta' martu, u kif ukoll dawk il-beni li jappartjenu lil komunjoni tal-akkwisti, tant li wiehed ma jistax issa jimmaġina liema beni tiegħu parafernali qiegħed l-attur jippretendi li l-intimata tirrestitwixxi lilu.

Illi rigward il-flus tal-karus li semma l-attur fir-rikors tiegħu, l-intimata kienet għamlithom, fl-14 ta' Ġunju 2006, f'kont bankarju għall-bżonnijiet ta' wliedha; F għandu Lm172, D Lm150, u E Lm119. Dan il-kont bankarju. l-intimata kellha tiftħu f'isimha għax l-ulied għadhom minuri, iżda dan il-kont bankarju huwa separat mill-kont tar-raġel u kif ukoll mill-kont konġunt bejn il-miżżewġin. Difatti, kien l-attur li ġibed flus mill-karus tal-ulied minuri biex jużahom għat-trasport tiegħu lejn u lura mix-xogħol, u kien għalhekk li martu l-intimata ħadet il-bqija u qegħdithom il-bank għal uliedha.

A B ma jsuqx, u la għandu liċenzja tas-sewqan, u lanqas vettura; lanqas martu l-intimata ma ssuq, għax m'għandha l-ebda vettura. Għaldaqstant, ma jistax wieħed jimmaġina għaliex l-attur għandu bżonn ix-xhieda tad-Direttur tal-Uffiċċju tal-Liċenzjar u Testijiet għall-provi ta' vetturi li allegatament jappartjenu lill-kontendenti.

Għaldaqstant l-intimata titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi B u dan minħabba tortijiet unikament imputabbli lir-rikorrent kif spjegat, u tawtorizza lill-intimata tgħix ma' wliedha separatament minn żewġha;

Tafda l-kura u l-kustodja tat-tliet ulied minuri unikament f'idejn l-intimata:

Tiffissa ammont ta' manteniment adegwat għall-intimata u t-tlett ulied minuri, li għandu jinqata' direttament mill-paga tar-rikorrent u jitħallas immedjatament lill-intimata;

Tapplika kontra r-rikorrent l-effetti *in toto* jew *in parte* tal-artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta nkluża l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-intimata;

Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali u tassenja porzjon lill-intimata u ieħor lir-rikorrent *ope sententium*, filwaqt li tinnomina Nutar sabiex jirċievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi biex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

Tordna lir-rikorrent sabiex jirestitwixxi lir-rikorrent il-beni parafernali kollha tagħha flimkien ma' affarijiet personali kollha tal-ulied minuri u dan fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi lilu prefiss mill-Qorti, u fin-nuqqas tikkundannah li jħallas lill-intimata dik is-somma li għandha tiġi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rappreżentant il-valur tal-beni parafernali u affarijiet personali sudetti;

Tordna li l-intimata jkollha d-dritt li tgħix fid-dar matrimonjali flimkien mat-tlett uliedha;

Tordna li kwalunkwe aċċess li r-rikorrent ikollu mal-minuri ulied iseħħ taħt superviżjoni.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Rat l-provi u xhieda kollha esebita in atti.

Rat ir-rapport tal-perit legali Dr Noel Bartolo LL.D. (fol 844) u r-risposti tiegħu in eskussjoni (fol 889).

Rat li waqt is-seduta miżmuma fid-19 ta' Mejju 2017 il-kawża tħalliet għas-sentenza għall-20 ta' Mejju 2017.

## FATTI FIL-QOSOR

1. Il-kontendenti żżewġu fil-31 ta' Settembru 1989 u minn dan iż-żwieġ kellhom tlett (3) itfal, D, E u F.

2. Il-ħajja konjugali bejn il-kontendenti ma baqax aktar possibbli.

3. Waqt il-mori tal-medjazzjoni l-attur u t-tfal bniet ħarġu mid-dar konjugali.

4. Sussegwentement, it-tlett itfal marru jgħixu flimkien ma' missierhom.

## IKKUNSIDRAT

Illi kif ġja' ngħad l-attur qed jitlob s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba raġunijiet imputabbli lill-konvenuta, ossia adulterju, eċċessi, sevizzi, moħqrija, swat, theddid u nġurji gravi. Min-naħa tagħha, il-konvenuta b'kontro-talba qed titlob l-firda personali minħabba l-aġir tal-attur, ossia eċċessi, sevizzi, moħqrija, swat, theddid u nġurji gravi. Għalkemm il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw, huma iżda jwaħħlu f'xulxin għal dan. Il-kawża kienet kontestata ħafna u l-Qorti setgħet tara li l-partijiet irrispondew lil xulxin diversi drabi dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta` xulxin. Meta l-kawża tħalliet għas-sentenza l-partijiet informaw lill-Qorti permezz ta' nota illi kienu biegħu d-dar matrimonjali u qasmu r-rikavat.

Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet għandhom tlett (3) itfal.

## RESPONSABBILITA` GĦAS-SEPARAZZJONI

Illi kif ġja' ngħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż- żwieġ.

Illi l-**attur** fl-*affidavit* esebit permezz ta' Nota a fol. 81 *inter alia* jelenka d-diversi raġunijiet għaliex il-ħajja konjugali ma baqgħatx possibbli bejn il-kontendenti, u ewlieni fost dawn huwa l-abbuż fiżiku u psikoloġiku da parti tal-konvenuta fil-konfront tiegħu, kif ukoll fuq it-tfal tagħha tant illi t-tfal ġew fdati lilu (ara wkoll r-riassunt redatt mill-perit legali *"teżi tal-attur"* fol 849).

Illi l-attur irrileva li minħabba l-mod deplorevoli li l-konvenuta kienet titratta lilu u lit-tfal ma setatx tkompli l-ħajja matrimonali tagħhom. Għaldaqstant, l-attur issottometta illi l-konvenuta kienet ħatja għall-firda għal raġunijietu, għaldaqstant għandhom japplikaw l-effetti tal-artikoli 48 sa 54 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-**konvenuta** min-naħa tagħha fl-*affidavit* esebit a fol.392 innegat dak li qal fil-konfront tagħha l-attur. Issottomettiet illi kien l-attur li kien jonqos fil-konfront tagħha (ara wkoll r-riassunt redatt mill-perit legali *"teżi tal-konvenuta"* fol 851).

Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti kollha proċesswali, jidhrilha li ż-żwieġ tkisser prinċipalment minħabba inkompatibilita' ċara ta' karattru u l-mod ħażin kif huma indirizzaw il-problemi li feġġew matul iż-żwieġ. Id-depożizzjonijiet jindikaw sewwa l-problemi li kellhom il-partijiet.

Illi għaldaqstant il-Qorti tħoss li l-partijiet t-tnejn jaħtu għat-tifrik taż-żwieġ u spiċċaw jgħixu ġo *'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune'.* (**"Caterina Agius vs Benedict Agius"** deċiża mill-Prim Awla fit-13 ta' Ġunju 1967).

Illi l-perit legali Dr Noel Bartolo wara li għamel analiżi tal-allegazzjonijiet mal-provi miġbura jikkonkludi kif ġej (fol 860):

***"60. Dan premess u kkunsidrat, l-esponent hu tal-fehma illi z-żwieġ tkisser irrimedjabbilment b'tort indaqs bejn iż-żewġ partijiet u kwindi bħala tali l-istess partijiet għandhom it-tnejn jitilfu dak previst fl-artikolu 48(1)(a), (b), (c) u (d)."***

**KURA U KUSTODJA**

Illi din il-Qorti tabbraċċja dak li osserva l-perit legali f'dan ir-rigward (fol 862):

*"65. Stante li t-tfal illum huma maġġorenni filwaqt li t-tifel huwa kważi maġġjorenni, m'hemmx kwistjoni ta' kura u kustodja u aċċess x'jiġu ordnati. Apparti l-fatt illi mal-mori tal-kawża l-Qorti tat direzzjonijiet ċari dwar l-istess li meta l-esponent evalwa l-provi ma ra xejn li b'xi mod għandu jew jista' jbiddel dak ġja' pprovdut mill-Qorti u rrakkomandat mill-Aġenzija Appoġġ. L-esponent jista' biss jirrakkomanda li l-partijiet għandhom jużaw il-buon sens u jfittxu l-benessere tat-tfal qabel kull problema ta' bejniethom u fejn iħossu l-bżonn jitolbu l-għajnuna."*

**MANTENIMENT**

Illi wara li qies il-provi miġbura l-perit legali josserva kif ġej (fol 862):

*"Kwantu għal manteniment għat-tfal l-esponenti jirrileva li t-tfal illum huma kollha kbar, ħlief it-tifel li pero' dalwaqt isir maġġjorenni. Min-naħa l-oħra l-attur ma jidhirx li ressaq talba għal manteniment. Kwantu għat-talba tal-konvenuta għal manteniment għat-tfal din hija ovvjament miċħuda stante li t-tfal jgħixu kollha mal-missier.*

*66. Kwantu **għat-talba għall-manteniment magħmula mill-mara għaliha** l-esponenti jirrileva illi minħabba l-fatt illi kif indikat fis-*

*sezzjoni intestata responsabilita' tal-firda l-esponenti rriskontra ħtija fiż-żewġ partijiet tali jimmerita l-applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kap 16, it-talba għall-manteniment tal-mara hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u timmerita tiġi miċħuda."*

**ASSI MATRIMONJALI**

Illi fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-beni parafernali l-perit legali jirrelata kif ġej (fol 861 – 862):

***"63. Jirriżulta mhux kontradett illi d-dar konjugali ossia l-fond 25 Crossbow, Triq il-Ġeranju, Fgura*** *li l-partijiet akkwistaw in forza ta' kuntratt in atti Nutar Marthese Felice (Dok CB1) datat 28 ta' April 1989 u kwindi qabel iż-żwieġ hija proprjeta' appartenenti liż-żewġ partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom. In kwantu għal din il-proprjeta' l-esponenti ma jistax ħlief li jirrelata illi din id-dar għandha titpoġġa għal bejgħ fuq is-suq miftuħ għal perjodu li għandu jiġi stabbilit b'mod perentorju minn din il-Qorti u wara liema perjodu titpoġġa għal bejgħ in subbasta u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.*

***64. In kwantu għad-dar il-mara tallega li biex xtrawha hi ħarġet Lm6,000 u l-attur Lm2,000.*** *Dan ma jistax għax id-dari inxtrat bil-prezz ta' Lm10,000 u skont il-kuntratt il-partijiet issellfu Lm4,000 mil-Lohombus u kwindi jħalli differenza ta' Lm6,000 li skont il-kuntratt stess tal-akkwist tħallsu miż-żewġ partijiet kwantu għal Lm1,500 qabel l-att ta' akkwist u preżenzjalment waqt il-kuntratt l-istess partijiet ħallsu lill-venditur is-somma ta' Lm4,500. B'hekk l-allegazzjoni tal-mara hija miċħuda.*

***In rigward tal-kontijiet bankarji*** *l-esponenti eżamina sew id-dokumenti bankarji esebiti mir-rappreżentanti tal-bank u ċjoe' Dok AG1 sa 5 u JBC1 sa 3. Għalkemm matul il-kors taż-żwieġ jidher li ġibdu xi somom ta' flus kif indikati aktar 'il fuq fil-para 34 u 35*

*supra jidher li kollox bejn dak li l-partijiet ġibdu mill-kontijiet u b'li fadal fl-istess kontijiet skont l-istess dokumenti l-partijiet pressapoco se jkun ħadu jew ikollhom b'kollox madwar €8,000 kull wiehed. Għalhekk l-esponent hu tal-fehma illi kwantu għal kontijiet bankarji sudetti kull parti għandha żżomm bħala tagħha u bħala sehemha mill-istess kull kont intestata fuqha u dan a saldu b'mod reċiproku bejniethom fir-rigward tal-istess depożiti bankarji.''*

***Dwar it-talba tal-attur sabiex il-mara tiġi ordnata tħallas lura s-somma ta' €932 li hu jallega li hi ħadet mill-flus tat-tfal,*** *l-esponent jirrileva li din ma ġietx sodisfaċentement ppruvata mill-attur u kwindi qed tiġi respinta.*

***Dwar il-mobbli li l-attur jgħid li l-mara ħadet mid-dar sakemm huwa ma kienx qed jgħix hemm u li huwa elenka f'para 38,*** *l-esponent jidhirlu li dan il-fatt jirriżulta ppruvat kemm għaliex in parte l-konvenuta stess ammettiet li ħadet ċerti mobbli u kemm għaliex it-tifla stess E kkonfermat li meta daħlu lura sabu d-dar vojta u kkonfermat ir-ritratti Dok JHZ1 sa 10 li prattikament juru d-dar vojta minn għamara, inkwadri ecc. In rigward din it-talba l-esponent hu tal-fehma illi l-konvenuta għandha tiġi kkundannata tħallas lill-attur somma flus minima li għandha tiġi ffisata mill-Qorti arbitrio boni viri. Għall-finijiet ta' quantum ta' somma l-esponent ma jħossx li huwa fil-mansjoni tiegħu li jillikwida l-istess essendo somma da likwidarsi arbitrio boni viri, iżda jillimita ruħu li jindika lill-Qorti li skont l-attur il-valur komplessiv l-istess mobbli kien ta' circa €7,000 u li kwindi nofs l-istess mobbli jiġġira lejn is-somma ta' €3,000."*

***Għall-finijiet ta' restituzzjoni ta' beni parafernali l-esponenti*** *hu tal-fehma illi ma nġabet ebda prova ta' krediti parafernali u kwindi jikkonkludi li m'għandu jkun hemm ebda krediti parafernali x'jiġu ordnati jitħallsu jew restwiti."*

## ID-DAR MATRIMONJALI

Illi dwar it-talba sabiex il-mara jkollha d-dritt tgħix fid-dar konjugali l-perit legali jikkonkludi illi (fol 862):

*"... din hija materja ġja' deċiża mill-Qorti bid-Digriet tagħha a fol 231 tal-proċess fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur kontenuta fir-rikors tiegħu tat-22 ta' Jannar 2010 (fol 223) sabiex l-intimata tiġi ordnata toħroġ mid-dar konjugali u tawtorizza lill-attur jidħol lura jgħix fl-istess dar matrimonjali flimkien ma' wliedu E, D u F u dan ad esklużjoni tal-konvenuta u dan b'effett mill-1 ta' Ġunju 2010 u l-esponenti meta evalwa l-provi kollha ma jsib xejn li b'xi mod għandu jew jista' jiddisturba dak deċiż mill-Qorti."*

Illi naturalment ħafna mill-konklużjonijiet tal-perit legali fir-rigward tad-dar matrimonjali ġew *ormai* superati. Fir-rigward tal-mobbli li ħadet il-konvenuta ma jidhirx li l-attur ġab prova konviċenti tal-valur tal-istess mobbli u allura la darba dan huwa l-każ il-Qorti ma tistax tordna ħlas fir-rigward. It-tfal kif ingħad illum huma maġġorenni kollha.

## DEĊIŻJONI

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi fir-rigward tat-talbiet tal-attur:**

1) **Tilqa' l-ewwel talba b'dan pero' li għandu jingħad li r-raġuni ta' dan jaħtu ż-żewġ naħat b'mod ugwali;**

2) **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba;**

3) **Tilqa' wkoll it-tielet talba;**

4) **Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li kull parti għandha żżomm il-kontijiet bankarji intestati f'isimha;**

**5) Tiċħad il-ħames talba għar-raġunijiet mogħtija.**

**Illi kwantu għall-kontro-talba, tilqagħha sakemm kompatibbli mad-deċiżjoni hawn fuq mogħtija fir-rigward tat-talbiet tal-attur b'dan li tilqa' l-ewwel talba b'tort indaqs tal-partijiet; tilqa' wkoll ir-raba' talba tal-konvenuta; u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħra li dwarhom ma hemmx ġja' provdut fit-talbiet tal-attur.**

**L-ispejjeż kollha tal-kawża jinqasmu b'mod ugwali bejn il-kontendenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**